MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 8/2005

**Dorriane Scerri**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta’ Ottubru, 2005, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“L-Arbitru,

Ra d-decizjoni tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali, tat-18 ta’ Marzu 2004, li permezz taghha cahad it-talba ta’ l-appellanti li tinghata l-istess arretrati b’ effett mid-data ta’ l-ewwel digriet tal-Qorti u mhux mid-data tat-tieni.

Ra l-ittra ta’ Dorianne Scerri fejn oggezzjonat ghal dan u ghal fatt li parti mill-beneficcju kien thallas lir-ragel taghha, Carlos Scerri.

Ra id-digriet li l-Arbitru ta fil-15 ta’ Settembru 2004 li permezz tieghu gie msejjah fil-kawza l-imsemmi Carlos Scerri.

Ra r-risposta ta’ l-Avukat ta’ Carlos Scerri tas-27 ta’ Ottubru 2004 u dik ta’ l-appellanti ta’ l-1 ta’ Novembru 2004.

Semghet lill-partijiet u senjatament lil Carlos Scerri, li kkonferma li fil-perjodu in kwistjoni t-tarbija kienet fil-kura ta’ l-appellanti u hu kellu biss access kontrollat ta’ saghtejn tlett darbiet fil-gimgha.

Ikkonsidra li d-digriet originali kkwota l-kustodja biss u specifika li *“b’dana li kull decizjoni importanti li tirrigwardja lit-tifel tigi miftiehma bejn iz-zewg genituri”;* dan kien jindika li l-kura kienet f’ data f’idejn l-omm. L-artikolu citat mill-avukat ta’ Carlos Scerri jirreferi ghal min *“ghandu l-kura u l-kustodja”.*

Ghalhekk id-decizjoni tad-Dipartiment ma tidhirx li kienet gustifikata u ghalhekk dan l-appell qed jintlaqa’ b’mod li l-appellanti tircievi l-ammont dedott sa mit-twelid tat-tarbija.”

Id-Direttur tas-Sigurta` Socjali appella kontra din id-decizjoni ta’ l-Arbitru b’ kontestazzjoni dwar l-interpretazzjoni moghtija minn dan lid-digriet tal-Qorti tad-19 ta’ Mejju 2003. Huwa jikkontendi li gjaladarba b’ dan id-digriet il-Qorti ordnat li l-kustodja tal-konjugi Scerri fil-konfront ta’ l-iben minuri tkun wahda kongunta, dik il-kustodja ma setghetx tigi segregata mill-kura b’ mod li jigi nterpretat li kien hemm presunzjoni li l-kura kienet f’ idejn l-appellata omm. Din, skond l-appellanti, kellha tkun l-interpretazzjoni logika u ragonevoli kif konsegwita minnu fl-okkazjoni tal-hlas tac-*children’s allowance* konguntament;

Mill-inkartament tal-kaz jirrizulta li bil-provvediment taghha tad-19 ta' Mejju 2003 il-Qorti Civili, Sekond' Awla kienet affidat "il-kustodja tat-tarbija lill-genituri konguntament, b' dan li kull decizjoni importanti li tirrigwarda lit-tifel tigi miftehma bejn iz-zewg genituri". Importanti li jigi osservat hawnhekk illi dik il-Qorti kienet hekk ipprovdiet fuq il-kwestjoni wara r-rakkomandazzjonijiet lilha fir-rapport tas-Social Worker. Effettivament, il-kumplament tal-provvediment moghti huwa koncepit bl-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet l-ohra kollha tas-Social Worker. *Inter alia*, dik fosthom illi "pendenti l-assessment tal-Psikologist/a, <u>il-missier jinghata access b' supervizjoni mat-tifel tieghu tliet darbiet fil-gimgha ghal saghtejn kull darba</u>";

Jidher li fuq l-interpretazzjoni tieghu ta' dan id-digriet id-Direttur appellant ghadda biex iddivida l-ammont tac-*children's allowance* bejn iz-zewg genituri, u dan wassal biex l-appellata intavolat rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fejn, fost rikjesti ohra, talbet li din l-ispartizzjoni ma tibqax issir u c-*children's allowance* jithallas fl-intier lilha, gjaladarba l-minuri kien fil-kura effettiva taghha. Din it-talba ntlaqghet minn dik il-Qorti b' digriet tat-2 ta' Frar 2004;

Dan premess, hu provvdut skond l-Artikolu 76 ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali (Kapitolu 318) illi hu dritt ta' kull tifel f' kull familja li jkollu *allowance* mhallsa dwaru lil kap tal-familja li jgib prova a sodisfazzjoni tad-Direttur (i) li l-mezzi totali fis-sena tieghu kif ikkalkolati skond l-Att ma jkunux izjed mir-rata skond l-iskeda kif applikabbli ghal dik il-familja kif imfisser fit-Taqsima VI ta' l-Erbatax-il Skeda u (ii) li ghandu l-kura u l-kustodja ta' dak it-tifel sakemm dak it-tifel ikun it-tifel tal-kap tal-familja jew ta' martu;

Kif maghruf, fl-istat evoluttiv tal-ligi taghna fil-Kodici Civili l-potesta fuq il-minuri hi wahda kongunta. Tali potesta kongunta hi intiza f' sens patrimonjali u aktar u aktar fid-

dimensjoni ezistenzjali tal-minuri. Li jfisser li n-necessita` primarja hi dik li l-ezercizzju ta' potesta bhal din ghandu jigi orjentat ghall-izvilupp tal-personalita` tal-minuri. Si tratta ta' setgha li wiehed jassumi d-decizjonijiet kollha inerenti ghall-kura u protezzjoni tal-minuri, kompriz il-poter tal-kustodja, il-harsien, l-izvilupp u t-tutela tieghu. Dan huwa hekk manifestament car mid-dispost ta' l-Artikolu 3B tal-Kodici Civili fejn jinsab preskritt illi "iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lill-ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied". Jikkonsegwi li l-kwestjonijiet kollha li jinteressaw lill-minuri jridu jigu affrontati u rizolti mill-genituri flimkien;

Kif saput ukoll, din il-postesta komuni tal-genituri ma tispiccax necessarjament u bilfors mas-separazzjoni jew fil-kors tal-proceduri tendenti ghall-firda tal-genituri. Il-provvedimenti necessarji ghat-tutela ta' l-interessi, materjali u morali, tal-minuri, fost liema jidhlu d-drittijiet tal-kustodja u tal-kura, huma adottati *d' ufficio* mill-gudikant. Ara, a propozitu, Artikolu 47, Kodici Civili. Dan iwassal ghall-konsiderazzjoni tal-provvediment in diskussjoni, jigifieri dak moghti mill-Qorti Civili, Sekond' Awla fid-19 ta' Mejju 2003;

Analizzat fl-assjem tieghu u flimkien mar-rapport kontenenti r-rakkomandazzjonijiet tas-Social Worker, hekk formanti parti integrali mill-istess provvediment moghti, huwa bil-wisq car illi, korrettement intiz, dak il-provvediment kien qed jikkopri zewg sitwazzjonijiet principali. Minn naha l-wahda, li l-potesta tal-genituri kellha tissokta tigi ezercitata flimkien u b' mod kongunt ghal dawk id-decizjonijiet importanti li jolqtu lill-iben minuri. Minn naha l-ohra, kif jista' jigi dezunt mill-kumplament tal-provvediment, senjatament dik il-parti kaptata mir-relazzjoni tas-Social Worker, u adottata wkoll mill-Qorti, fejn il-missier gie koncess l-access skond il-modalita` fl-istess relazzjoni spjegat - huwa intwittiv li l-affidament tat-tarbija gie assenjat lill-appellata ommu. Jekk hemm bzonn konferma illi r-realta` tal-qaghda konsegwita mill-

mizzewgin Scerri tikkonforma ruhha ghal din l-interpretazzjoni ara d-deposizzjoni ta' Carlos Scerri quddiem l-Arbitru fis-seduta ta' l-14 ta' Settembru 2005;

F' din l-ipotesi fejn il-Qorti stess ixxindit l-kura mill-ezercizzju tal-potesta li kellha tibqa' wahda kongunta fi hwejjeg ta' mportanza, kellu logikament jitnissel, b' interpretazzjoni korretta, illi c-*children's allowance* kellhom jithallsu lill-omm bhala l-genitur affidatarja tat-tarbija. Dan, independentement, mid-determinazzjoni tal-kustodja kongunta ghall-materji li jirrekjedu d-decizjoni komuni taz-zewg genituri;

Rigwardata, kif hekk kellha tkun, minn din il-perspettiva, id-decizjoni ta' l-Arbitru ma tistax titqies li tiddifetta minn vizzji logici tar-ragonament maghmul fil-motivazzjoni, hekk konsistenti ma' l-interpretazzjoni unika desumibbli mid-digriet in diskussjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tirrespingi l-appell interpost u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez gudizzjarji kontra d-Direttur appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------